MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2008

Numru. 133/2001
Kawza Numru. 1

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Nicholas Ciappara)**

**Versus**

**Rodney Vella**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Rodney Vella ta' 21 sena iben NAzzareno u Antoinette nee Scicluna imwieled il-Pieta' fit-8 ta' Awwissu 1979 u joqgħod Block 3, Entrance B No.8 Triq is-Salvatur Kalkara u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 370079 (M)

Akkużat talli

(a) F'dawn il-Gżejjer fis-6 ta' Frar 2000 u fil-15 ta' Frar 2000 kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi

Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Ukoll talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club, jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh, jew lil persuna lit kun qed issegwi programm ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi.

(d) Ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija lilu

mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) datat 11 ta’ Jannar 1999 Awla 7, 22 ta’ Mejju 1999 Awla 11; 12 ta’ Marzu 1999 Awla 12, 28 ta’ April 1999 (Magistrat Dr A Lofaro LLD) u fis-7 ta’ Dicembru 1999 (Magistrat Dr S Demicoli LLD)
(e) Ukoll talli sar ricediv skond l-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 7 ta’ Dicembru 1999 (Magistrat Dr D Montebello LLD)

Il-Qorti ntalbet ukoll li tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedina penali tal-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 3700 tal-1979, l-ordni tal-Avukat Ġenerali tas-26 ta’ Mejju 2000, l-istqarrija tal-imputat (fol.10), is-sentenzi esibiti a fol.12 et u 50 et, il-proces verbal intitolat ‘Xhieda Ġuramentata quddiem il-Maġistrat Inkwirenti Dr.Giovanni Grixti nhar il-15 ta’ Frar 2000’, id-dikjaazzjoni maħgmula mid-difiża li s-sentenzi Dok S1, S2 BZ1, BZ2 u BZ 3 ingħatw fil-konfront tal-imputat, (fol.49), il-ħatra tal-Perit Valerio Schembri sabiex jagħmel relazzjoni realttiva għat-tielet imputazzjoni, ir-relazzjoni maħlufa mill-Perit Valerio Schembri, il-proces fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Keith Psaila’ (Fol.78), il-verbal li fih il-partijiet iddikjaraw li ma kienx hemm għalfejn jerġgħu jistemgħu x-xhieda li diġa’ kienu nstemgħu minn din il-Qorti diversament preseduta, (Fol.96)ir-rapport imħejji mill-Ispiżjar Mario Mifsud, il-fedina penali ta’ Keith Psaila, il-verbal tal-24 ta’ Novembru, 2006 li fih għall-Qorti ddiferiet il-kawża għall-aħħar darba għas-27 ta’ Marzu 2007 u li jekk ma jsir xejn il-Qorti kienet ser tgħaddi għas-sentenza u l-verbal tas-26 ta’ Settembru, 2008 li fih dan il-proċess tħalla għas-sentenza wara li l-imputat naqas li jidher minkejja li kien debitament notifikat.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

Ikkonsidrat

4. Li skond il-Prosekutur ittieħdu dawn il-proċeduri kontra l-imputat wara li ċerta persuna nqabdet b'qartas f'idha suspettat eroina u din il-persuna għamelt stqarrija ġuramentata li fiha identifikat lill-imputat bħala l-persuna li kienet tatu d-droga.

5. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat kien ammetta li kellu problema tad-droga u l-aħħar darba li ien kien xi erba' xhur qabel il-25 t'April, 2000 (Fol.10). Huwa nnega li kien qatt biegħ id-droga. Huwa kien ħa l-kokaina xi darbtejn u ġieli kien pejjep il-ħaxixa. **L-imputat qal li l-laqam tiegħu huwa z-Ziga. (Fol.10)**

6. PC-988 Pawlu Grech ikkonferma ikkonferma li fil-15 ta' Frar 2000 huwa kien eleva pakkett minn xufier li kien qed isuq karozza Marina EAC-663.

7. Xehed Keith Psaila li a fol.42 li jaħseb li kien xtara minn għand l-imputat. Kien rah daba, darbtejn u ien irranġa minn għandu. Huwa kien jaf lill-imputat bil-laqam. Huwa kien għaaf lill-imputat mir-ritratt. Ix-xhud irsista li hu kien jaf wieħed oħxon.

8. Il-Qorti urietu l-istqarrija (fol.43) kif ukoll ir-ritratt li kien iffirma fuqu. Ix-huda ikkonferma li kien ir-ritratt li fuqu kien qal li l-persuna fuqu hija iz-Ziga.

Hawn il-Qorti staqsiet:

*'Qorti: Jiġifieri meta qed tgħid iz-Ziga, qed tirreferi għall-persuna li hemm fuq ir-ritratt?*

*U x-xhud wieġeb:*

*'La hemm il-firma. Jien nsejtu minn dak iż-żmien 'l hawn, għax darba, darbtejn, rajtu biss.' (Fol.43)*

*Qorti: Dakinhar għidtilhom il-verita' lill-Pulizija?*
*Xhud: Mela biċ-ċajt.' (Fol.44).*

*U aktar 'l isfel:*

*'Qorti: Kienet iżjed friska l-memorja dak in-nhar.*
*Xhud: Eħe.*
*Prosekuzzjoni: Jiġifieri dik id-deskrizzjoni ta' meta tajtha dakinhar kienet korretta?*
*Xhud: Iva , hekk hu. Kieku ma kontx intihielek.'*

9. Ix-xhud imbagħad qal li kien iltaqa' darba fis-sena ta' qabel ma xehed.[1] U li kien tah għaxar liri (Fol.46). Jekk kien iltaqa' mal-imputat darba, darbtejn, kien tah għaxra u għaxra. (Fol.46). meta kien inqabad il-Belt l-eroina kienet ilha għandu ftit minuti biss. Huwa kien ġej minn ħdejn l-Isptar u kien xtara d-droga minn għandu minn ħdejn l-isptar. (Fol.47).

10. Ix-xhud qal ukoll li l-imputat kien jidher naqra differenti minn kif kien fir-ritratt.

11. Mir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri[2] il-post fejn skond Keith Psaila l-imputat tah il-pakkett u l-istess Psaila ħallas għaxar liri jinsab quddiem il-fond Roger's Garage u dan il-post jaqa' fil-konfini ta' mitt metru fejn hemm l-Iskola ta' Santu Wistin.(fol.63). Waqt li kien qed isir l-aċċess mill-Perit, ix-xhud Keith Psaila baqa' jirreferi għall-persuna li ltaqgħet magħha meta xtrat id-dorga bħala 'Iz-ziga' (Ara fol.66) Kien saħansitra saqsieh jekk hux Iz-Ziga u għandux pakkett u narru 'l isfel fid-direzzjoni ta' Triq it-Telgħa Gwardamanġja. (Fol.66). Huwa ppreċiża wkoll li kienu f'żewġ okkażjonijiet biss meta huwa xtara minn għand iz-ziga.

12. Mix-xhieda forensika jirriżulta li fid-dokument 02 ASZ 01 (sustanza elevata minn għand Keith Psaila 15 ta' Frar 2000) kien fih 0.067 grammi eroina.

[1] Huwa xehed fis-16 ta' Lulju 2001 waqt li l-imputazzjoni ssemmi d-dati 6 ta' Frar 2000 u 15 ta' Frar 2000.
[2] L-aċċess sar fis-27 ta' Lulju 2001

13. Xehed ukoll is-Supretendent Paul Camilleri li qal li Keith Psaila kien qallu li xtara l-pakkett at’a eroina għall-ħabta tat-8.30 am meta mar biex jieħu l-metadon minn ħdejn San Luqa. Huwa kien qal ukoll li kien xtara minn għand ‘Iz-Ziga.’ Huwa kien mar miegħu fin-niżla li tagħti għal Tal-Pieta’, tah għaxar liri u z-Ziga tah il-pakkett tal-eroina.

14. Din l-istqarrija kienet ġuramentata u dawn id-dettalji jidhru a fol.33 tal-proċes u fol.11 tal-proces verbal. A fol.32 jerġa’ jidher il-laqam ‘Iz-Ziga’ u Keith Psaila jsemmi wkoll li kien xtara darbtejn minn għand din il-persuna.

**15. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fl-1 ta’ Ġunju 2004.**

**Difiża**

16. Xehed l-imputat li qal li lilu ressquh il-Qorti fuq statement. Huwa nnega li kien biegħ droga lil din il-persuna. Lil Keith Psaila kien jafu minn wiċċu. Huwa baqa’ jinsisti li hu kien jieħu d-droga biss u mhux ibiegħha. Huwa qal li lil Keith Psaial ġieli rah ħdejn l-Isptar iżda qatt m’għamlu xejn. Huwa qal li l-laqam tiegħu huwa z-ziga. Qal ukoll li kien hemm xi żmien meta kien xi ftit mibrum. (Fol.130). Huwa kkonferma l-istqarrija li kien għamel għand il-Pulizija bil-ġurament. Meta seraq huwa għamel dan minħabba l-problema tad-droga. Bħal iss akien qed jagħmel programm għand is-Satu.

17. Il-Prosekuzzjoni ppreżentat fedina penali (updated sat-13 ta’ Ġunju 2005) kemm ta’ l-imputat kif ukoll ta’ Keith Psaila (ara fol.147).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

18. Mill-kumpless tal-provi, il-Qorti tinsab soddisfatta ‘l hemm minn kull dubju raġonevoli li l-imputat biegħ id-droga eroina lil Keith Psaila f’distanza ta’ anqas minn metru bogħod mill-Iskola ta’ Santu Wistin fil-15 ta’ Frar 2000. Ix-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni ġġuramenta l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fil-15 ta’ Frar 2000 meta l-fatti kienu friski u ma kellux problema jagħraf lill-imputat fuq ir-ritratt. Infatti Keith Psaila saħansitra ffirma r-ritratt li fih għaraf lill-imputat.

19. Keith Psaila semma l-laqam ‘Ziga’ diversi drabi – fix-xhieda ġuramentata (darbtejn), waqt li kien qed jixhed u waqt l-aċċess magħmul mill-Perit Valerio Schembri. Il-laqam jaqbel eżatt ma dak li ta l-imputat stess meta kien interrogat fil-25 t’April, 2000 kif ukoll waqt li kien qed jixhed minn fuq il-pedana tax-xhieda.

20. Jidher ukoll li l-imputat kien naqas xi ftit mill-piż – element li ħareġ kemm fix-xhieda ta’ Keith Psaila kif ukoll dik tal-imputat. Iżda fuq kollox il-Qorti tinnota li waqt li kien qed jixhed Keith Psaila beda joħroġ il-verita’ ftit, ftit - ħafna drabi fuq domandi magħmulin mill-Qorti. Filfatt qal li lill-Pulizija (u lill-Maġistrat Inkwirenti) kien qalilhom il-verita’ u meta reġa’ xehed waqt l-aċċess fuq il-post reġa’ ta l-istess dettalji b’mod fidilissimu kif kien xehed quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Fuq kollox ma kienx għadda xi żmien twil bejn meta nxtrat id-droga u meta l-imputat xehed. Mit-ton tar-risposti u mill-mod kif uża ċertu kliem u sentenzi Keith Psaila ma deherx li kien ħerqan li jixhed kontra l-imputat iżda kellu joħroġ ċerta verita’ bilfors ġaladarba kien għamel stqarrija ġuramentata quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Il-fatt li Keith Psaila nnifsu kien jieħu d-droga ma jfissirx li dak li xehed ma kienx il-verita’.

21. Il-Qorti, meta għarblet ix-xhieda kollha u qabblet il-verżjonijiet li ta l-imputat (speċjalment dwar il-laqam), il-verżjoni ġuramentata friska tax-xhud Keith Psaila, ix-xhieda ta’ Keith Psaila fuq il-pedana tax-xhieda, u x-xhieda tal-imputat innifsu, kif ukoll ix-xheida forensika, ma

jibqgħalha ebda dubju li l-imputat biegħ id-dorga eroina lil Keith Psaila f'żewġ okkażjonijiet u li dawn l-okkażjonijiet jaqgħu fil-parametri indikati fl-imputazzjoni..

22. Isegwi li huam ppruvati kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni imputazzjoni bl-ewwel imputazzjoni asssorbita fit-tieni imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

23. L-aggravju msemmi fit-tielet 'imputazzjoni' huwa ppruvat ukoll mir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri.

24. Huma ppruvati kemm ir-raba' kif ukoll il-ħames imputazzjoni. Ir-reat seħħ fi żmien meta l-imputat kien liberat b'kundizzjoni għal sentejn jew tliet snin bi tliet sentenzi (7 ta' Diċembru 1999, 12 ta' Marzu 1999 u 11 ta' Jannar 1999).

**Konklużjoni.**

25. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(b), [3]17(h), 49 u 50 tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 6 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii)u 22(1B) u t-tieni proviso li jinsab taħt l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii), jiġifieri dak dwar id-distanza, tal-Kap 101, l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 (li qabel kien l-artikolu 10(1)(a)il-Kap 152),
U l-artikoli 267, 268, 269, 270, 271, 308 u 334 (a)(c) tal-Kap 9[4] issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih bl-aggravju li jidher taħt l-imptuazzjoni (ċ) iżda bl-assorbiment tal-ewwel imptuazzjoni fit-tieni imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h). Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputata għall-piena ta' sena priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €500 liema multa tista' titħallas b'rati ta' €50 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament il-bilanċ jitħallas kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 mhux imħallsin.

[3] Minħabba l-imputazzjoni immarkata (d)
[4] B'referenza għall-impuazzjoni imamrkata (d) sentenza tal-11 ta' Jannar 1999

26. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 l-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti li jammontaw għal €54.15 (Lm23.25).

27. Il-Qorti tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-reġistratur.

28. Il-verbali li juru n-nuqqas ta' preżenza tal-imputat jispjegaw għala dawn il-proċeduri ġebbdu daqshekk fit-tul.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------